MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Numru. 214/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Husam Faiz El Lafi**

**Illum 5 ta' Marzu tas-sena 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijet dedotti kontra l-imputat Husam Faiz El Lafi ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, imwieled Alminia l-

Egittu fl-1 ta' Jannar tas-sena 1982, iben Faiz u Masjoga, minghajr indirizz fiss u li huwa detentur ta' passaport mahrug il-Libja fit-8 ta' Mejju tas-sena 2005 bin-numru 774990;

Talli f'San Giljan, nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2010 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu (5.00a.m.), ikkommetta serq ta' flus kontanti, passaport u '*digital camera*' mill-fond 804, '*Burlington*' sitwat fi Triq Dragunara, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u l-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletn Ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta' Ricardo Gusman Castelo;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ricardo Gusman Castelo kontra l-volonta` tieghu;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Ukoll, talli f'Birzebbuga, nhar it-3 ta' Marzu 2010, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom zewg *laptop computers* u zewg *mobile phones* minn gol-fond *'Nike' Flat 2*, sitwat fi Triq it-Tankijiet, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jeccedi s-somma ta' l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-dannu ta' Ibrahim Cirak;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet lill-imputat jirrikonferma l-ammissjoni tieghu;

Issibu hati;

Rat l-artikoli 261 (a) (c) (e), 262, 267, 269 (g), 275, 277 (a), 279 (a), 280 (1) (2) u 17 (b) tal-Kap 9;

Rat l-artikoli 86, 329 tal-istess Kap 9;

Rat l-artikoli 3(1A), 13 u 19 tal-Kap 66;

U tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija u tordna l-konfiska tal-arma in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------